MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.**
**JOSEPH S. REFALO**

Seduta tas-16 ta' Dicembru, 2004

Talba Numru. 2169/2004

**Montaldo Insurance Agency Ltd bhala agenti u in rappresentanza tas-socjeta` estera American Home Assurance Company, ta' 98/2, Melita Street, Valletta kif surrogata fid-drittijiet ta' l-assigurat taghha Carmelo Minuti u l-istess Carmelo Minuti**

**vs**

**Austin Vella**

**It-Tribunal,**

**Ra l-avviz fl-ismijiet premessi prezentat fis-16 ta' Novembru, 2004 fejn l-atturi qed jitolbu li l-konvenut jigi kkundannat ihallas lill-atturi is-somma ta' mitejn u tnejn u erbghin Lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm242.88) dovuti in kwantu ghas-somma ta' Lm231.38 bhala danni kkagunati fil-vettura ta' l-attur Carmelo Minuti Lm11.50 prezz ta' survey, u dan**

**b'rizultat ta' l-incident stradali li sehh fil-15 ta' Mejju 2003 fi Triq Anton id-Dawr, Mosta, waqt li l-istess konvenut kien qed isuq l-vettura TAN 256 ta' propjeta' tieghu stess u dahal gol-vettura bin-numru ta' registrazzjoni HAP 382 propjeta' ta' l-attur Carmelo Minuti u misjuqa minnu stess ghal-liema incident kien unikament responsabbli il-konvenut kawza ta' imprudenza, negligenza u non-osservanza tar-regolamenti tat-traffiku.**
**Bl-ispejjez, inkluzi dawk ta' l-ittra ufficjali ppresentata kontestwalment mal-avviz u bl-imghaxijiet sad-data tal pagament effettiv kontra l-konvenut ingunt ghas-subizzjoni.**

**Ra l-kapitolu prezentat mill-atturi fis-7 ta' Dicembru, 2004, ghas-subizzjoni tal-konvenut. Ra li l-konvenut baqa' ma pprezentax risposta u lanqas ma deher, u ghalhekk id-domandi attrici ghandhom jitqiesu bhala konfermati.**

**Ghaldaqstant it-Tribunal qed jilqa' t-talba attrici, jiddikjara lill-konvenut unikament responsabbli ghall-incident *de quo* u jikkundannah ihallas lill-atturi s-somma ta' mitejn u tnejn u erbghin Lira Maltija u tmienja u tmenin centezmu (Lm242.88) bl-imghax legali mis-26 ta' Novembru, 2004 sad-data tal-pagament effettiv.**

**L-ispejjez ta' dina l-istanza, komprizi dawk tal-ittra ufficjali presentata kontestwalment mal-avviz, ghandhom kollha jigu sopportati mill-konvenut.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------